MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 1200/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Omissis**

**Raymond Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Raymond Debono ta’ 50 sena bin il-mejjet Joseph u l-mejta Dolores nee’ Gaunt, imwieled Ta’ Sliema fit-28 t’ April, 1956, residenti fil-fond numru 34 Triq il-Lunzjata, Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 326156M fejn huwa gie akkuzat talli f’ Ottubru 2006 u fix-xhur u snin ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmel reati kriminali li ghalihom jista’ jehel l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew iktar; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 83A (1) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 83A (2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Akkuzat ukoll talli f’ Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

3. B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta’ Joseph Xuereb u Josephine Xuereb; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta’ Joseph Xuereb u Josephine Xuereb, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta’ Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji,

jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta’ Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta’ Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

7. U aktar talli fl -istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elf liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta’ Emanuel Grech u Keith Grech; (Dan bi

ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

8. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta’ Emanuel Grech u Keith Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

9. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta’ l-istabilliment Alltiles, u ta’ David Camilleri u Edmond Camilleri; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

10. U aktar talli fl -istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal

persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu

minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

13. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta’ Alexander Friggieri u Kevin Friggieri ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 209 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

14. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta’ Alexander Friggieri u Kevin Friggieri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

15. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta’ Frank Gauci; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

16. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta’ Frank Gauci, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Lil Raymond Debono wahdu

17. Akkuzat talli f’ Ottubru 2006, u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra

sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Tatara Limited, Paul Auto Dealer, u ta' Paul Micallef. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

18. Talli f' Jannar 2004, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' Anthony Ciantar u Raymond Vassallo; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Lil Omissis wahdu

19. F' Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex

igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Auto Valley Service Station, u ta’ Carmel Borg ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li permezz tad-digriet tal-16 ta’ Mejju 2008 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-proceduri fil-konfronti tal-imputat Raymond Debono jipprocedu separatament minn dawk fil-konfronti ta’ omissis.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Lulju 2012 (inserita a fol. 443 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi:-

(a) fl-artikoli 18, 83A, (1) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 18, 83A, (2) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(g) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(h) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(i) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(j) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(k) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(l) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(m) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(n) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(o) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(p) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(q) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(r) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Lulju 2012, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serie ta’ rapporti maghmula minn diversi kummercjanti lill-Pulizija fil-perjodu ta’ Ottubru tal-2006 minhabba allegat agir frawdolenti da parti tal-imputat odjern Raymond Debono u certu David Coleiro. Dawn ir-rapporti saru minn diversi proprjetarji ta’ hwienet u jidher li l-modus operandi tal-imputat u Coleiro kien l-istess. David Coleiro kien javvicina lil dawn il-kummercjanti bi proposta li jaghmlu negozju mieghu billi jiffinanzjaw ix-xiri u l-mportazzjoni ta’ prodotti tal-kmamar tal-banju bhal madum u shower cubicles kif ukoll bibien mic-Cina fejn huwa kien jindikalhom li diga’ kellu l-bejgh ta’ dawn il-prodotti li kienu ser jigu mportati. David Coleiro kien jghid lin-negozjanti li ghandu supplier mic-Cina izda li ma kienx ikollu finanzi sufficjenti sabiex igib il-prodotti hu u ghalhekk kien idahhal lilhom fin-negozju minfloku. Huwa kien jintrodicihom mal-imputat Raymond Debono li kien ikun qieghed jidher bhala intermedjarju ghal terzi persuni barranin li riedu jixtru l-prodotti li kienu ser jigu mportati bi qliegh sostanzjali ghal dawn in-negozjanti. Coleiro gieli anki tella’ lil uhud minn dawn in-negozjanti c-Cina sabiex jaraw il-prodotti li kienu ser jigu mportati lejn Malta u li suppost kienu ser jinbieghu lil barranin minhabba li Debono kien jghidilhom li ghandu hafna kuntatti. Wara li l-prodotti kienu jaslu Malta izda it-transazzjonijiet mal-allegati barranin li suppost l-imputat Raymond Debono kien l-intermedjarju taghhom qatt ma kienu jsehhu u n-negozjanti kienu jsibu ruhhom b’ hafna stock li huma ma kellhomx bzonn ma wicchom u li hafna drabi kien ta’’ kwalita’ inferjuri ferm ghall-prezz li jkunu hallsu ghalih.

Dawn ir-rapporti saru minn Joe Xuereb Investments li kien hallas is-somma ta’ 80,000 Dollaru Amerikan, mill-kumpanija MRCD li hallsu wkoll is-somma ta’ 80,000 Dollaru Amerikan sabiex Coleiro igib il-madum.

Rapport iehor sar minn E. Grech Crystal Baths fejn dawn hallsu s-somma ta’ 11,000 Dollaru Amerikan sabiex Coleiro igib shower cubicles mic-Cina kif ukoll minn David Camilleri li kien hallas is-somma ta’ 85,000 Dollaru Amerikan lil Coleiro sabiex jigu mportati 400 bieb mic-Cina. Raymond Briffa wkoll kien ghamel rapport li kien ghadda s-somma ta’ 80,000 Dollaru Amerikan lill-David Coleiro u Alex Friggieri u Frank Gauci wkoll ghamlu rapporti simili. Kemm l-imputat kif ukoll David Coleiro gew arrestati u rrilaxxjaw Stqarrija (dok IA hija l-istqarrija tal-imputat Raymond Debono li tinsab a fol 225).

Fl-udjenza tal-24 ta’ Novembru 2006 xehed David Camilleri fejn qal li kellu hanut tal-madum u li xi zmien qabel kien mar ikellmu David Coleiro flimkien ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Ciniza li kien qallu li kienu jimportaw madum mic-Cina. Kien urih business card li kienet tindika li l-persuna Ciniza kien wiehed mill-managers ta’ kumpanija li kienet timmanifattura madum fic-Cina. Coleiro qal lil Camilleri li hafna agenti Maltin kienu qeghdin jixtru madum minghandu u anki wrieh katalogu bil-madum li qallu li kien ta’ kwalita’ tajba. Camilleri spjega li huwa kien ordna container madum minghand Coleiro fejn ic-Ciniz Peter Weng kien tah pro forma invoice (Dok DC1) tax-xoghol li huwa kien ordna u ftehmu li jibghat lil David Coleiro t-telegraphic transfer tal-pagament halli jkun jista’ jitla’ c-Cina u jara li x-xoghol ikun tajjeb u gej lejn Malta. Sussegwentement ix-xhud rega’ kellem lil David Coleiro fejn dan qallu li x-xoghol kien gej mic-Cina madwar tlett gimghat wara u cioe’ hames gimghat wara li kien hallas. Meta ra li dan ix-xoghol ma kienx wasal entro t-terminu patwit ix-xhud rega’ kellem lil David Coleiro sabiex dan jikkomunika ma’ Weng fejn imbaghad dan tal-ahhar baghtlu email u qallu li x-xoghol dalwaqt kien ser jasal (Dok DC3) u li d-dewmien kien dovut ghal xi problemi li nqalghu. Dejjem skond ix-xhud Coleiro kompla

jghidlu li din il-kumpanija kienet anki tipproduci bibien u staqsieh sabiex jordna madwar 400 bieb fejn i -bibien kienu jinxtraw ghas-somma ta' Lm100 u jinbieghu ghas-somma ta' Lm175. Meta ra li kien se jkun hemm daqshekk profit ix-xhud tkellem ma huh Edmond sabiex jidhlu ghal din il-bicca negozju u huma iffirmaw ftehim (Dok DC4) ma' David Coleiro. Wara li sar dan l-arrangjament Coleiro qal lil Camilleri li kien ser ilaqqghu ma klijenti tieghu li kien ser jixtri dawn il-bibien, li kien l-imputat Raymond Debono, fejn qalulu li Debono kien tas-Seabank Hotel. Raymond Debono kellu mieghu LM2000 in kontanti sabiex jaghmel depozitu fuq l-ordni u ffirma invoice ta' Lm70,000 (Dok DC5). Skont il-ftehim David Coleiro kellu johrog is-somma ta' Lm10,000 u Camilleri rcieva email li tghid li Coleiro kien hallas din is-somma. Meta kellem lil Raymond Debono qallu li kien lest jaghtih is-somma ta' Lm5000 flimkien mal-Lm2000 li kien tah qabel. Dan l-ammont kien ghaxra fil-mija tal-ammont li ried jithallas sabiex jinxtraw il-bibien. Skont il-ftehim kellhom jghaddu wkoll il-pro forma invoice (dok DC6) fl-ammont ta' 85,500 Dollars Amerikani. Ix-xhud kompla jispjega li ftit taz-zmien wara wasal il-container bix-xoghol u David Camilleri ra li x-xoghol li gie kien kollu difettuz u meta kellem lil David Coleiro dan qallu li ma kien jaf xejn ghaliex ma kienx ra x-xoghol jitghabba kuntrarjament ghal dak li kien qallu qabel li kien ser jara x-xoghol jitghabba. Minhabba li wasal ix-xoghol tal-bibien difettuz Camilleri beda' jinkwieta li anki x-xoghol tal-madum kien se jasal hazin u Peter Weng baghtlu email fejn assigurah li dan ix-xoghol kien ser ikun ta' kwalita' tajba izda Camilleri beda' jinduna li kien hemm xi haga hazina ghaddejja ghaliex David Coleiro ma gabx il-flus li kellu jaghti bhala garanzija skond il-ftehim u meta dan tal-ahhar qallu li Raymond Debono kien ha pass lura izda kien lest li jbiegh dan ix-xoghol li xi persuni ohra.

Camilleri spjega li meta wasal ix-xoghol xi hames xhur wara, cemplulu tal-Mizzi Shipping Agency sabiex imur ihallas tax-xoghol fejn suppost David Coleiro kellu jhallas ukoll is-sehem tieghu izda dan m’ ghamlux. Ix-xoghol li wasal kien kollu mhux ta’ kwalita’ li tirrifletti l-prezz li huwa hallas ghalih. Meta kellem lil David Coleiro dan beda’ jhedded lil Camilleri u minn dakinhar il-quddiem qatt ma rah aktar. David Coleiro qal lil Camilleri sabiex ifittex lil Raymond Debono sabiex jigbor il-flus tal-bibien Izda wara li huwa rnexxielu jaqbad lil Raymond Debono dan qallu li huwa ma kellux biex jixtri dak l-ammont ta’ bibien u li kien qieghed bi shab ma’ David Coleiro. Camilleri zied jghid li huwa kien hareg is-somma ta’ Lm36,000 fuq din l-operazzjoni kollha.

Fl-udjenza tal-24 ta’ Novembru 2006 xehed Joseph Xuereb fejn qal li huwa Direttur tas-socjeta Joe Xuereb Investments Ltd u li David Coleiro kien mar ghandu xi zmien qabel ma’ certu Peter Weng u beda’ jofrilu sabiex jixtri minghandu xi madum u fil-fatt huwa ordna container madum u David Coleiro qallu li kien jixtieq igib xi xoghol huwa wkoll  izda ma kellux flus. Joseph Xuereb offra li jhallas dan il-container ghal David Coleiro u wara li jasal ix-xoghol Coleiro kellu jhalsu ta’ kollox. F’ Gunju tal-2005, David Coleiro ha lill-imputat Raymond Debono ghand Joseph Xuereb u dan qallu li kellu klijent Lebaniz li xtaq jixtri  xi banjijiet u fil-fatt Debono ghamel ordni taghhom u anki ffirmalu l-invoice (dok JX) u tah is-somma ta’ Lm3,000 akkont tal-prezz u mbaghad gablu Lm500 ohra. Ix-xoghol kellu jinxtara minghand David Coleiro u kien lest jaghtih nofs il-flus meta jitlaq mic-Cina u l-kumplament meta jasal ix-xoghol f’ Malta. David Coleiro kien dejjem jghid lil Xuereb li huwa ma kellux flus sabiex ihallas u huwa qatt ma ta kaz dwar il-prodott li kien gej mic-Cina minhabba li skond Debono il-klijent kien kuntent b’ dak li kien gie ordnat. Joseph Xuereb hallas ghall-prodott li kien sejjer jingieb ghal Raymond

Debono u l-profitt kellu jinqasam ma David Coleiro. Meta wasal x-xoghol Xuereb gie nfurmat li Raymond Debono kien wegga u li ghalhekk ma setax imur jigbor ix-xoghol li ngieb minn barra. Xuereb jghid li huwa prova kemm-il darba jaqbdu fuq il-mobile phone izda ma rnexxielux. Ghal dan ix-xoghol huwa qatt ma kien thallas u ftit wara kien rega' mar ikellmu Raymond Debono li qallu li kien lest jixtri 400 bieb minghandu u anki inharget invoice ghal dan ix-xoghol (ara dok JX3) u saret ordni ghal dawn il-bibien fejn Xuereb effetwa l-hlas relattiv. Meta Joseph Xuereb sema' li kienu ngiebu xi bibien ghal haddiehor ukoll huwa kien mar ic-Cina sabiex jara x-xoghol u nduna li l-bibien ma kienux ta' kwalita' tajba u qalilhom sabiex jaghtuh lura l-flus li kien hallas. Xuereb kompla jghid li David Coleiro beda' jaghmel diversi ordnijiet minghandu ghall-madum u peress li huwa kien jafdah kien ihallas hu ghal kull ordni. Huwa kien jaghmel dawn l-ordnijiet ghaliex David Coleiro kien jghidlu li kellu diversi klijenti li riedu x-xoghol u Xuereb kien hareg is-somma ta' Lm113,757.00 fuq dawn l-ordnijiet izda l-merkanzija baqghet ma' wiccu minhabba li dawn il-klijenti li semmielu Coleiro ma kienux jezistu.

Fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2006 xehed ukoll Emanuel Grech li huwa Direttur ta' E Grech Crystal Bath li spjega li David Coleiro kien mar ikellmu fis-sena 2005 fejn talbu jordna minghandu 600 shower cubicle. F' okkazzjoni sussegwenti Coleiro kien mar ghandu mal-imputat Raymond Debono fejn qallu li dan tal-ahhar kien lest jixtri minghandu jekk huwa jordna x-xoghol minghand socjeta' Ciniza u li Debono kien lest li jaghtih is-somma ta' Lm3000 depozitu u jhallas il-bilanc wara li jasal ix-xoghol minn barra. Grech spjega li Raymond Debono beda' jghidlu li kien jaf wiehed Lebaniz li kellu diversi proprjetajiet u kien lest li jixtri dan ix-xoghol ghalih u fil-fatt Raymond Debono ordna 600 cubicle u nharget invoice (dok EG). Grech jghid li huwa hallas is-somma ta'

117,000 Dollaru Amerikan meta ordna dan ix-xoghol minghand P T International Limited, u cioe' minn fejn kien indikalu Coleiro, u nharget pro forma invoice. Ix-xoghol wasal Malta (bill of lading immarkata dok EG 5) u Grech beda' jipprova jaqbad lil Raymond Debono izda dan beda' igiblu skuza li kien imsiefer u qatt ma gie ghax-xoghol u kien jghidlu li seta' jipprova jgib il-flus lura minghand is-socjeta' Ciniza u qallu sabiex jirranga ma' David Coleiro. Dan ix-xhud spjega li x-xoghol dam xi hames xhur sabiex wasal u la l-imputat Raymond Debono u lanqas David Coleiro ma marru jistaqsu ghax-xoghol u meta kien jistaqsi lil Raymond Debono sabiex jghidlu fejn kien qieghed il-garaxx tal-Lebaniz fejn kien ser jitqieghed ix-xoghol ordnat dan qatt ma tah risposta. Debono wara li wasal ix-xoghol inoltre kien jghid lil Grech li huwa ma kellu x' jaqsam xejn ghaliex kien David Coleiro li ordna x-xoghol hazin. Grech spjega li huwa kien sar jaf li ma kienx l-unika persuna li ngidem b' dan il-mod minn Coleiro u Debono u qal li kien hareg is-somma ta' Lm36,000. Huwa qal ukoll li x-xoghol li kien wasal ma kienx tajjeb minhabba li ma kienux ta' certa qisien.

Raymond Briffa li xehed fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2007 qal li huwa Direttur tal-kumpanija Bidbudge Development Limited u li kien sar jaf kemm lill-imputat Raymond Debono kif ukoll lil David Coleiro minhabba li dan tal-ahhar mar ikellmu dwar klijent li kien Raymond Debono fejn qallu li dan kien jahdem fl-Ambaxxata tal-Libja jew ta' Tunez u kellu bzonn tlett elef metru kwadru ta' madum. Ix-xhud spjega li huwa accetta li jinnegozja maghhom u ghamlu skrittura privata (Dok RB 1) fejn ftehmu li kellu jithallas is-somma ta' Lm12,000 bhala depozitu ghax-xoghol ordnat liema ammont kellu jinzamm mill-Avukat Reuben Micallef. Dan tal-ahhar kien qal lix-xhud li l-flus kienu qeghdin ghandu. Raymond Briffa spjega li huwa kien tela' personalment ic-Cina sabiex jaghzel il-kampjun

kif ried il-klijent u cioe' Raymond Debono u qal li l-kumpanija Ciniza minn fejn ordna x-xoghol kien sabielu David Coleiro. Il-prezz tal-madum miftiehem kien ta' Lm40,500 u huwa hallas *commission* lil David Coleiro u skond il-ftehim huwa kellu jbiegh il-madum bi prezz ta' Lm18.50 per square metre filwaqt li Raymond Debono kellu jixtrih ghas-somma ta' Lm22 Lira Maltin. Ix-xhud jghid li huwa hallas l-ammont ta' Lm40,458 permezz ta' swift transfer (Dok RB 2) u nharget proforma invoice (Dok RB 3), u spjega li meta mar ghand l-Avukat Reuben Micallef dan hariglu cheque izda l-Bank rega' baghtuh lura minhabba li ma ssarrafx. U meta rega' mar ghand l-Avukat flimkien mal-imputat Raymond Debono u David Coleiro dawn qalulu li ma kienx hemm flus ghand l-Avukat pero' accertawh li kienu sejrin isibu bejgh tal-madum ordnat izda meta wasal ix-xoghol dan baqa' ma nbieghx. Raymond Briffa jghid li wara sar jaf li l-madum kien inxtara bi prezz ferm ghola minn dak li kien jinbiegh mill-fabbrika Ciniza u sar jaf ukoll li kien hemm persuna Ciniza ohra li kienet involuta ma' David Coleiro fi frodi. Huwa qal ukoll li meta kien ic-Cina flimkien ma' David Coleiro dan kien qallu sabiex jordna aktar xoghol ghaliex kien hemm diversi nies li jridu jixtru dan ix-xoghol u fil-fatt huwa hekk ghamel. Dan ix-xoghol kien jammonta ghal madwar Lm20,000. Raymond Briffa qal li l-fabbrika Ciniza taghtu xi flus lura izda huwa lahaq hareg is-somma ta' Lm45,000.

Fl-udjenza tad-19 t' Ottubru 2007 xehed Frank Gauci fejn qal li huwa kellu negozju zghir u sar jaf kemm lill-imputat Raymond Debono kif ukoll lil David Coleiro meta dan tal-ahhar mar ikellmu fuq bicca xoghol fejn qallu li kellu stock madum mic-Cina bi prezz tajjeb fejn diga' kellu l-bejgh tieghu izda huwa ma kellux flus biex igibu u Coleiro staqsieh jekk kienx interessat li jiffinanzja l-affari sabiex dawn il-containers jingiebu Malta. Coleiro qal lil Gauci li kien sejjer ilaqqghu mal-persuna li kienet ser tixtri

x-xoghol (l-imputat Raymond Debono) u min-naha tieghu Frank Gauci ried jara jekk il-Bank kienx lest li jaghtih il-flus li kellu bzonn. David Coleiro qal lil Gauci li Debono kien ser jixtri dan il-madum bi prezz ta' Lm19.50 per square metre u ghalkemm Gauci rah gholi David Coleiro kien serrahlu rasu li kien ra x-xoghol ic-Cina u huwa ghalhekk ordna x-xoghol u hallas b' zewg pagamenti (dok FG 1 u dok FG 2) u David Coleiro tah invoice tax-xoghol li ordna (dok FG 3). Meta Gauci kellem lil Raymond Debono kien staqsieh sabiex ihallas parti minn dan ix-xoghol izda minn naha tieghu Debono qallu li kien sejjer jaghmel hekk meta jurih l-original Bill of Lading. Meta wasal Malta x-xoghol Gauci beda' jinsisti mal-kumpanija Ciniza sabiex jibghatu d-dokument originali minhabba li Raymond Debono kien qallu li kien ser ihallas Lm20,000 wara li jara l-Bill of Lading. Gauci prova kemm il-darba jaqbad lil David Coleiro izda ma kienx irnexxielu u meta qabad lil Raymond Debono dan kien qallu li issa tard wisq peress li kien haseb li ma kienx ghadu nteressat li jbiegh ix-xoghol. Meta Gauci ghamel verifiki mal-kumpanija Ciniza sab li fil-fatt il-prezz tal-madum kien jammonta biss ghal 36,000 Dollaru Amerikan u mhux kif kien indikalu David Coleiro.

Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2011 xehed ukoll Bernard Cachia li qal li huwa ghandu kumpanija li jisimha MRCD Ltd. Huwa kien sar jaf lil Raymond Debono minhabba li David Coleiro li kien hadu ghandu sabiex isir negozju. David Coleiro kien qallu li kien l-imputat kien interessat li jixtri xi madum u huwa hallashom b' cheque ta' Raymond Debono u kien accertahom li kien kollox sew minhabba li l-imputat kien tas-Sea Bank. Gara illi dan ic-cheque fl-ammont ta' Lm5,000 baqa' ma ssarrafx (a fol 367 dok BC 1). Ix-xhud spjega li x-xoghol tal-madum kellu jingieb ghal Raymond Debono u kellu jinxtara minghand is-supplier ic-Cina ndikat minn Coleiro. Meta x-xoghol wasal Malta Debono ma hax u ma hallasx

ghax-xoghol kif miftiehem u Cachia jghid li wara huwa sar jaf li l-imputat Raymond Debono kien diga ghamel xi affarijiet simili ma' kumpaniji ohra.

Fl-istess udjenza xehed ukoll Paul Micallef fejn spjega li huwa ghandu kumpanija li jisimha Tatara Bathrooms u li kien mar ghandu l-imputat u xtara b' aktar minn Lm2700 u hallsu b' cheque li qatt ma ssarraf. Fil-fatt huwa kkonferma li kien thallas bic-cheque li jinsab a fol 348 u 349 (dok Z 4).

Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2012 xehed Alexander Friggieri fejn qal li huwa ghandu kumpanija SF Trading Limited u li fl-2006 l-imputat kien mar ghandu ma David Coleiro u dawn kienu qalulu li kienu jirraprezentaw supplier mic-Cina u xtaqu li jkun hemm xi hadd li jiffinanzjalhom ix-xoghol sabiex wara jesportawh lejn is-suq Afrikan. Raymond Debono ta x' jifhem lil Friggieri li huwa kellu l-klijenti li riedu jixtru x-xoghol li kien ser jigi ordnat mic-Cina u li huwa kien qed jigi mitlub jiffinanzja. Sar ftehim fejn Friggieri kellu jixtri shower cubicles ghas-somma ta' Lm80,000 fejn Coleiro u Debono hallsu s-somma ta' Lm6,000 b' cheque li mbaghad ma ssarrafx. Ix-xhud zied jghid li David Coleiro ghamel il-kuntatt mas-supplier Ciniz u huwa kien anki ttiehed ic-Cina sabiex jara x-xoghol u hallas tax-xoghol. Meta x-xoghol ordnat wasal Malta hadd ma mar ghalih u Friggieri prova jikkomunika mal-imputat Raymond Debono izda ma rnexxielux. Ix-xhud esebixxa dokumenti li juru li nxtara x-xoghol minn barra (ara dokumenti li jinsabu a fol 423 sa fol 440) u li sar ftehim bil-miktub bejn SF Trading u ma Raymond Debono dwar ix-xiri ta' dawn il-cubicles (a fol 435).

Fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2014 xehed l-imputat Raymond Debono fejn qal li huwa kien jaf lil David Coleiro minhabba li kien jinnegozja mieghu

fuq mobile phones peress li huwa kellu hanut fejn kien ibiegh dawn il-prodotti. Huwa zied jghid li kien jaf li David Coleiro kellu kuntatti l-Libja minhabba li kien jaghmel xi xoghol hemm u sostna li Coleiro kien talbu sabiex jidher ghan-nom ta' klijenti Libjani li kienu ser jixtru x-xoghol minghand suppliers Maltin u dan sabiex dawn is-suppliers ma jsirux jafu min huma l-kuntatti li kellu l-Libja u ghalhekk ma jaqbzuhx billi ibieghulhom ix-xoghol direttament. L-imputat jghid li David Coleiro kien cempillu sabiex jiltaqa' mieghu hdejn il-Preluna Hotel, Tas-Sliema halli jlaqqghu ma' zewg Libjani fejn wiehed minnhom qallu li dak li taghmel ma' David ghamlu daqs li kieku qieghed nidher jiena. Ftit tal-gimghat wara l-imputat jghid li Coleiro hadu ghand agenti differenti sabiex jixtru madum jew accessorji ohra tal-kmamar tal-banju. Huma kienu jordnaw xoghol bi kwantita kbira minhabba li kienu ser jixtru x-xoghol ghall-bini ta' lukanda. L-imputat zied jghid li qabel ma kien jidhol fil-hwienet, David Coleiro kien jaghtih madwar Lm3000 sabiex huwa jhallas depozitu fuq il-prodotti li kienu sejrin jixtru. L-imputat spjega li kull darba li huwa kien jidhol f' dawn il-hwienet kien dejjem jaghmilha cara li huwa qieghed jirraprezenta lill-klijenti Libjani u qal li din il-haga saret madwar hames darbiet. Huwa qal ukoll li meta kien imur ghand tal-hwienet kien jaghmel kollox bil-miftuh tant li kien jiehu l-karta tal-identita tieghu u anki kien jaghtihom in-numru tal-mobile tieghu. Fil-fatt kien David Coleiro li jaghmel in-negozju kollu ma dawn in-negozjanti u kien anki jsiefer maghhom, jghid l-imputat. Dan tal-ahhar qal ukoll li huwa qatt ma kien siefer man-negozjanti jew altrimenti kellu kuntatti c-Cina.

L-imputat qal li wiehed minn dawn in-negozjanti kien cempillu minhabba li xi materjal li kien gie ordnat ma kienx ta' kwalita' tajba u huwa rrisponda li ghalkemm ghamel l-ordni ma kienx tekniku u ma kienx intiz f' dawn it-tip ta' prodotti. Huwa zied li kien hemm zewg agenti ohra li kienu

cemplulu sabiex jghidulu li kien hemm il-problemi fuq l-affarijiet li nxtraw u wara li rcieva dawn it-telefonati huwa beda’ jiddejjaq minhabba l-Libjani li kien qed jidher ghalihom u beza’ li dawn kienu ser iwahlu fih. David Coleiro kien jghidlu li kien se jara kif ser jirranga hu maghhom. L-imputat spjega li wara xi xahrejn li tkellem ma’ Coleiro dwar din il-preokupazzjoni dan tal-ahhar cempillu u qallu li kienu gejjin Malta il-Libjani, s-Sur Hamsa u persuna ohra. Meta ltaqa’ ma’ Hamsa dan qallu li kien sejjer jiehu hsieb kollox David Coleiro u ma kienx hemm problemi, jghid l-imputat li meta ra hekk hass li kollox kien ser jimxi sewwa. Skond l-imputat wara din il-laqgha ma sar ebda kuntatt iehor ma’ dawn il-Libjani u meta kienu jcemplulu l-agenti lokali huwa dejjem kien jghidilhom li kien ser jirranga kollox David Coleiro.

In kontro-ezami l-imputat qal li huwa qatt ma tkellem fuq xi commission ma David Coleiro minhabba x-xoghol li kien qieghed jaghmel. Huwa zied jghid li d-depozitu li kien jithallas lin-negozjanti kien isir billi Coleiro kien jaghtih il-flus f’ idu qabel ma jidhlu fil-hwienet. Huwa qal ukoll li David Coleiro kien staqsieh sabiex jidhol ghal din il-bicca xoghol minhabba li huwa ma setax jaghmilha u ghalhekk kien talbu l-ghajnuna minhabba li huwa ma riedx jikxef min kienu il-Libjani li kellu jirraprezenta. Huwa sostna li accetta li jirraprezenta lil dawn il-Libjani sabiex jaghmel pjacir lil David Coleiro u zied jghid li kien xtara kamra tal-banju minghand Tatara u kellu xi problemi sabiex ihallas izda kien irranga maghhom kif ghamel ukoll mas-Sinjuri Ciantar u Vassallo fejn kien issellef xi flus minghandhom u kien imbaghad hallashom lura.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li l-istrategija adoperata minn David Coleiro mal-varji negozjanti li ghamlu r-rapporti lill-Pulizija u li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern kien tista' tghid identiku f' kull kaz. David Coleiro akkompanjat mill-imputat kien javvicina lin-negozjanti imsemmija aktar 'il fuq u jipproponilhom negozju sabiex jiffinanzjaw l-importazzjoni ta' madum, bibien jew shower cubicles ghall-kmamar tal-banju fejn kien jghidilhom li huwa ghandu kuntatti ma' fabbrika fic-Cina li timmanifattura dawn l-affarijiet u li huwa m' ghandux il-mezzi sabiex jixtri l-prodotti mic-Cina. Huwa kien jghidilhom ukoll li diga' kellu nies interessati sabiex jixtru dawn l-affarijiet u kien jintrodicihom lill-imputat bhala r-rapprezentant tan-nies fis-suq Afrikan li kienu ser jixtru l-affarijiet. L-imputat kien jeffetwa l-ordni u jiffirma l-fattura relattiva u kien jeffetwa depozitu akkont tal-prezz jew in kontanti jew permezz ta' cekk. Fil-kazijiet fejn il-pagament sar permezz ta cekk dan imbaghad ma kienx jissarraf meta jigi prezentat ghall-pagament ghaliex ma kienx ikun hemm flus fil-kont li minnu kien jinhareg. Wara li ssir l-ordni mill-imputat il-kwerelanti kienu mbaghad jordnaw il-prodotti minghand il-kumpanija Ciniza. In-negozjati kienu jidhlu ghal dan in-negozju ghaliex kien jigi ndikat lilhom li kienu ser jaghmlu profitt sostanzjali mill-importazzjoni u bejgh ta' dawn il-prodotti mic-Cina. David Coleiro inoltre kien hafna drabi jintroduci lill-imputat bhala wiehed mill-proprjetarji tas-Seabank Hotel sabiex tinghata l-impressjoni li seta' jsir negozju b' mod trankwil. Sabiex jidher aktar kredibbli David Coleiro gieli isiefer man-negozjanti sabiex huma jaraw ix-xoghol li kienu ser jordnaw izda meta x-xoghol kien jasal Malta ma kienx ikun dak li jkunu raw u ordnaw u kien ikun ta' kwalita' ferm inferjuri. Inoltre il-prodotti meta jaslu Malta ma kienux jinbieghu kemm ghaliex Raymond Debono ma kienx jipprezenta ruhu sabiex jiehu l-konsenja u jeffetwa l-hlas tal-bilanc dovut ghalihom kif ukoll ghaliex il-prodotti kienu ta' kwalita' inferjuri u ghalhekk in-negozjanti ma kienux

isibu bejgh taghhom lil haddiehor. Il-kwerelanti ghalhekk hargu ammonti kbar ta flus u mhux talli ma ghamlu ebda profitt izda f' hafna kazijiet baqghu bix-xoghol kollu li ordnaw ma' wicchom.

Ikkunsidrat

Illi f' dan il-kaz l-imputat jinsab addebitat b' diversi mputazzjonijiet principalment bir-reati kontemplati fl-artikoli 83A (1), (2) u (5), 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghal agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim.,20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara,

fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

L-artikolu 308 jaqra hekk:

"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor..."

L-artikolu 309 tal-Kap 9 jipprovdi ghal kazijiet ohra ta' qerq mhux imsemmija fl-artikolu 308 u l-artikolu 310 jistabilixxi l-iskala tal-piena applikabbli skond l-ammont tal-hsara li tkun saret mill-imputat. Illi l-gurisprudenza taghna dejjem hadet il-linja li semplici gidba wahidha mhux bizzejjed sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' truffa ghaliex irid ikun hemm ukoll element iehor essenzjali u cioe' l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jiehu diversi forom u kultant anki jkun hemm atti tejatrali. Dawn il-forom hekk maghmula minn persuna jridu jkunu tali li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza normali u ordinarja sabiex jaghmel jew ma jaghmilx dak rikjest minnu mill-frodatur.

Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa irid ghalhekk ikun hemm il-messa in xena u l-gideb wahdu mhux bizzejjed sabiex tirrizulta r-rejita' taht l-artikolu 308. Illi dan il-kliem irid iwassal sabiex persuna temmen fil-haga li l-frodatur qieghed jghid u b' hekk taccetta li jaghmel dak li qieghed jigi

mistenni minnha. Illi fil-kaz odjern irrizulta ampjament mill-provi li saret il-messa in xena da parti ta’ Coleiro u l-imputat li adoperaw strategija tista’ tghid identika ghall-kazijiet kollha rapurtati sabiex jikkonvincu lill-kwerelanti jidhlu fin-negozju li kienu qed jipproponilhom, johorgu ammonti ta’ flus konsiderevoli u jemmnu li kienu ser jaghmlu profitti sostanzjali. Fil-kaz odjern din il-Qorti jidrilha li apparti l-gidba per se fejn kien jinghad li l-imputat Raymond Debono huwa proprjetarju jew kellu x’ jaqsam mas-Seabank Hotel jew li huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta’ terzi mis-suq Nord Afrikan li kienu ser jixtru il-prodotti ordnati kien hemm ukoll ir-raggiri u l-artifizi fejn l-imputat kien addirittura jeffetwa depozitu gieli in kontanti u gieli b’ cekkijiet li mbaghad ma kienux jigu onorati tant li l-vittma kien jemmen dak kollu li qieghed jinghadlu.

L-artifizi maghmula mill-frodatur iridu jkunu tali li jipperswadu l-vittma li jaghmel dak rikjest minnu mill-frodatur u jgibu telf patrimonjali ghalih u gwadann ghall-frodatur. Fil-kaz odjern l-agir frawdolenti kien maghmul b’ certu hsieb u kien talment perswassiv li wassal negozjanti ta’ certu esperjenza li ma jindunawx x’ kien qieghed jigri minhabba l-mod kif saret l-operazzjoni kollha mill-imputat flimkien ma’ David Coleiro. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm arrangjament bejn l-imputat u Coleiro u nies fi hdan is-socjeta’ Ciniza ghaliex fic-cirkostanzi fejn uhud mill-kwerelanti bdew juru certu dubji kienet tintbaghat email mis-socjeta Ciniza sabiex jigu rassikurati li kollox kien sew u din hija prova ikonfutabbli tal-gwadann li kienu qed jaghmlu l-imputat u Coleiro mill-operazzjoni kollha.

Il-provi jindikaw li l-imputat Raymond Debono kien jidhol fl-istorja wara li David Coleiro javvicina lill-vittmi. L-ewwel Coleiro kien iwieghed li permezz tan-negozju propost kien sejjer isir qliegh fi zmien qasir u jghid li huwa ma setax jidhol ghalih minhabba nuqqas ta’ finanzi. Huwa kien

ikompli bl-istrategija taghhom billi kien lest li jgib il-klijent li lest li jixtri x-xoghol minn barra u jhallas depozitu biex b' hekk ikompli dan l-ingann. L-imputat Raymond Debono kien jipprezenta ruhu quddiem in-negozjant bhala persuna bil-konnessjonijiet mas-Seabank Hotel jew altrimenti bhala persuna li ghandu klijenti li sejrin jixtru l-prodotti li kienu ser jigu ordnati u kien addirittura ihallas depozitu fuq l-ordni bi flus kontanti jew b' cheque li jispicca ma jissarraf qatt u wara li n-negozjant jordna dan ix-xoghol ordnat minn Debono David Coleiro kien jaghmel l-arrangamenti necessarji biex issir l-ordni mas-socjeta fic-Cina. F' certu istanzi sabiex komplu jimpressjonaw lin-negozjant David Coleiro kien imur maghhom jaraw il-fabbrika fic-Cina sabiex jaccertaw ruhhom mill-kwalita' tax-xoghol li kienu qed jordnaw ghall-imputat Raymond Debono. Wara li n-negozjanti kienu jhallsu sabiex jixtru u jimportaw ix-xoghol ordnat minghandhom minn Debono dan tal-ahhar ma kienx jipprezenta ruhu ghal-konsenja u hlas relattiv.

Din il-Qorti m' ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien ko-awtur u parti integrali f' din l-istrategija kollha u huwa kellu rwol importanti sabiex titwettaq minhabba li huwa kien jipprezenta lilu nnifsu bhala l-persuna li ser jixtri jew l-intermedjarju taghhom. Fil-fatt fil-kaz tal-vittma David Camilleri per ezempju l-imputat kien prezenta lilu nnifsu bhala klijent ta' David Coleiro fejn dan tal-ahhar spjega lil Camilleri li huwa wiehed minn tas-Seabank u hallas Lm2000 depozitu u ffirma invoice fuq ordni ta' Lm70,000 (Dok DC 5). Fil-kaz ta' Joseph Xuereb l-imputat Raymond Debono prezenta lilu nnifsu bhala rapprezentant ta' wiehed Lebaniz li kien lest li jixtri erba' mitt bieb u ffirma fattura sabiex jigi ordnat dan ix-xoghol ghan-nom tal-klijent tieghu.

Fil-kaz ta’ Emanuel Grech ta’ E. Grech Crystal Baths l-imputat prezenta lilu nnifsu bhala rapprezentant ta’ klijent Lebaniz u ordna ammont kbir ta’ shower cubicles u hallas depozitu izda bhal ma kien jigri f’ kull kaz meta wasal ix-xoghol ma kienx jinstab sabiex issir il-konsenja u jithallas il-bilanc tal-prezz. Meta n-negozjanti kien jirnexxielhom jikkomunikaw mieghu kien igib varji skuzi il-ghala ma setax imur jigbor il-konsenja u jhallas. Il-Qorti bl-ebda mod ma tista’ temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat meta xehed f’ dawn il-proceduri fejn prova jalludi li anki huwa kien vittma ta’ Coleiro u li huwa ma kien jaf xejn dwar l-inezistenza tal-klijenti barranin li huwa suppost kien qed jirraprezenta. Il-Qorti ssibha difficli temmen kif wiehed jista’ jaccetta li jirraprezenta klijenti barranin li lanqas biss kien jaf x’ jisimhom, fuq transazzjonijiet li jinvolvu ammonti kbar ta’ flus u dan sempliciment sabiex jaghmel pjacir lil David Coleiro u minghajr ma jiehu ebda kumpens finanzjarju. Il-Qorti tixtieq tirrileva li l-imputat Raymond Debono kien jaf ben tajjeb li huwa ma kellu ebda konnessjoni mas-Seabank Hotel izda nonostante cio’ kien jiffirma pro forma invoices u jhallas depoziti ghal xoghol li suppost kien qed jigi ordnat sabiex jintuza f’ din il-lukanda. Din il-Qorti m’ ghandha l-ebda dubju li l-imputat Raymond Debono kien ko-awtur mal-imputat David Coleiro fil-messa in xena u fl-ingann kollu.

Ikkunsidrat

Illi wara li l-Qorti rat il-provi kollha migjuba quddiemha jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ghandu jinstab hati kemm tar-reat kontemplat fl-Artiklu 83A(2) kif ukoll tar-reat ta’ truffa. Fil-kaz tar-reat ta’ promozzjoni ta’ ghaqda ta’ tnejn min-nies jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali izda l-imputat ser jinstab hati taht is-subinciz (2) u cioe li

huwa kien jappartjeni ghal tali ghaqda stante li ma jirrizultax sufficjentement pruvat li huwa kkostitwixxa jew iffinanzja tali ghaqda. Illi jirrizulta evidenti li l-imputazzjonijiet ta' mizapproprijazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' frodi li taghhom l-imputat ser jinstab hati u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet ta' mizapproprijazzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni numru 18 il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-imputat effetwa xi truffa jew frodi nnominata fil-konfronti ta' Raymond Vassallo u /jew Anthony Ciantar u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll l-ammont kbir involut u l-entita' tal-operazzjoni shiha u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-19 ta' Gunju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 83A(2) u (5),308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-seba' (7), tad-disa' (9), tal-hdax (11), tat-tlettax (13), tal-hmistax (15) u tas-sbatax -il (17) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija. Stante li l-imputazzjonijiet immarkati bhala erbgha (4), sitta (6), tmienja (8), ghaxra (10), tnax (12), erbatax (14) u sittax (16) inghataw bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala tlieta (3), hamsa (5), sebgha (7), disgha (9), hdax (11), tlettax (13), hmistax (15) u sbatax (17) li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-

istess imputazzjonijiet. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala wiehed (1) u tmintax (18) u konsegwentement tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------